27 ta' Jannar, 1956

Imħallfin:
Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President:*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Onorevoli Mabel Strickland, O.B.E.

*versus*

Eċċellenza Tiegħu Sir Robert Laycock, K.C.M.G., O.B., D.S.O., ne. et.

**Gvernatur — Ġurisdizzjoni — Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Tagħha Privat — Art. 2(b) ta' l-Order in-Council tat-22 ta' Novembru, 1909**

*F'din is-sentenza l-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina qatgħet li ma kienx hemm raġunijiet li jinklinawha tagħti l-permess mitlub biex isir appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat, fuq il-motiv ta' l-allegata importanza kbira, ġenerali jew publika, jew xort'oħra, mis-sentenza mogħtija mill-istess Qorti li kienet irriteniet li l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur mhux suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati lokali.*

Il-Qorti; Rat il-petizzjoni ta' l-imsemmija Mabel Strickland, li biha, wara li ppremettiet:—

Illi bl-att taċ-ċitazzjoni preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-11 ta' Jannar 1956, l-atttriċi, wara li ppremettiet illi l-konvenut Sir Robert Laycock fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija bagħat "warrant" lill-konvenuti l-oħrajn fl-24 ta' Diċembru 1955, publikat fil-Gazzetta tal-Gvern tad-29 ta' Diċembru 1955, biex jgħarraf illi huwa, skond l-art. 4 (1) ta' l-Att ta' l-1955 dwar ir-"Referendum", iffissa l-ġranet tal-11 u 12 ta' Frar 1956 bħala dati tar-"Referendum", li għandu jsir fuq proposti li jiġu pubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern; u illi dan il-"warrant" huwa null għaliex "ultra vires" ta' l-imsemmi konvenut Sir Robert Laycock fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, għar-raġuni illi l-poteri tal-Gvernatur ta' Malta huma definiti fil-Letters Patent li jistabbilixxu l-karika ta' Gvernatur ta' Mata, datati 5 ta' Settembru 1947, u fl-Istruzzjo-

nijiet mogħttija lill-Gvernatur fl-istess data; u illi dawn id-dokumenti ma jikkonferixxu ebda poter lill-Gvernatur illi jiffissa data jew dati għar-"Referendum" kif stabbilit fir-Referendum Act, 1955; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti kollha opportuni, talbet li jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmi "warrant" tal-konvenut Sir Robert Laycock huwa "ultra vires", u għalhekk null; u li, in konsegwenza tad-deċiżjoni li tiġi mogħtija fuq l-ewwel domanda, dik il-Qorti tinibixxi lill-istess konvenuti Kummissjunarji milli jmexxu r-"Referendum";

Illi fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut l-Eċċellenza Tiegħu Sir Robert Laycock, Gvernatur ta' Malta, issottometta preliminarment illi huwa mhux suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer, u li għalhekk il-proċediment preżentat kontra tiegħu huwa null, u żgur ma jistax jitkompla fil-konfront tiegħu;

Illi b'sentenza mogħtija fid-19 ta' Jannar 1956 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat li ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kważa fil-konfront tal-konvenut l-Eċċellenza Tiegħu Sir Robert Laycock fil-kwalità ta' Gvernatur ta' Malta, u in konsegwenza nulla ċ-ċitazzjoni u l-proċeduri relattivi in kwantu rivolti kontra tiegħu;

Illi l-attriċi ħasset ruħha aggravata b'dina s-sentenza, u interponiet appell minnha quddiem dina l-Qorti b'nota preżentata fid-19 ta' Jannar 1956;

Illi dina l-Qorti, b'sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 1956, ikkonfermat is-sentenza appellata, fi-sens li l-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża fil-konfront ta' l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Sir Robert Laycock, u li huma nulli ċ-ċitazzjoni u l-proċeduri relattivi kontra tiegħu; bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

Illi l-attriċi tħoss ruħha aggravata minn dina l-aħħar sentenza, u tixtieq tinterponi appell minnha quddiem il-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill;

Talbet li dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonċedilha l-permess biex tappella mill-imsemmija sentenza mogħtija fit-23 ta' Jannar 1956 quddiem il-Maestà Tagħha

r-Reġina fil-Kunsill, u hemm titlob li dina s-sentenza tiġi revokata u d-domandi jiġu akkolti; bl-ispejjeż;

Trattata l-petizzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi, peress li mhux il-każ ta' "matter in dispute" li għandha valur għas-sens tal-paragrafu (a) tar-Regolament nru. 2 ta' l-Order-in-Council relattiv għall-appelli lill-Privy Council (Vol. VI Rev. Edit., p. 313 et seq.), għalhekk it-talba kontenuta f'din il-petizzjoni għandha tiġi kunsidrata taħt il-paragrafu (b) ta' dak l-istess Regolament; li jgħid hekk:—

"2. Subject to the provisions of these Rules, an appeal shall lie:—...... (b) at the discretion of the Court, from any other judgment of the Court, whether final or interlocutory, if, in the opinion of the Court, the question involved in the appeal is one which, by reason of its great general or public importance, or otherwise, ought to be submitted to His Majesty in Council for decision";

Din il-Qorti ma hijiex ta' fehma li għandha teżerċita favorevolment id-diskrezzjoni tagħha; għaliex:—

1. Il-kwistjoni li fuqha l-petizzjonanti trid tagħmel appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat ma hix dik dwar jekk l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur aġixxiex "ultra vires" meta emana l-"warrant" imsemmi fiċ-ċitazzjoni, imma dik dwar l-immunità personali tal-Gvernatur. Il-kwistjoni tal-meritu tista' dejjem, fil-kontestazzjoni tal-kontradditturi leġittimi, tiġi dibattuta indipendetement mill-preżenza tal-Gvernatur fil-kawża. Għalhekk si tratta, in sostanza, ta' sempliċi kwistjoni ta' isem ta' konvenut; għaliex, ġa ladarba l-kwistjoni tal-meritu tista' dejjem, fil-kontestazzjoni ta' kontradditturi leġittimi, tkun dibattuta indipendentement mill-preżenza tal-Gvernatur fil-kawża, il-kwistjoni ta' l-immunità ta' l-istess Gvernatur issir inċidentali u kważi akkademika fiċ-ċirkustanzi tal-kawża preżenti;

2. Kif ġa kellha okkażjoni tirrileva din il-Qorti fid-deċiżjoni tagħha tat-23 ta' Jannar 1956, il-kliem tal-Kap. 3 huma talment ċari li diffiċilment jiftiehem kif tista' tiġi sollevata kwistjoni dwarhom. Hemm każijiet fejn il-Qorti

stess, avvolja tkun konvinta mill-pronunċjament tagħha, eppure tħoss li d-diffikultà tal-kwistjoni timmerita li tiġi mressqa quddiem il- Privy Council; kif jista' jkun hemm ukoll każijiet li fihom wieħed mill-membri tal-Qorti ta' l-Appell ta' Malta jkun dissenzjenti, u per ġunta, il-fehma tad-dissenzjenti tkun taqbel ma' dik tal-ġudikant tal-prim istanza. F'każijiet simili, fil-konkors taċ-ċirkustanzi l-oħra meħtieġa taħt l-Order-in-Council, din il-Qorti ma tistax ma tħossx li għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fis-sens li tikkonċedi l-permess għall-appell. Imma f'dan il-każ it-tliet membri ta' dan it-tribunal kolleġjali kienu unanimi; u di pjù kienu ta' l-istess fehma tal-ġudikant fl-ewwel istanza. Il-kjarezza indiskutibbli tal-liġi, l-insostenibbilità assoluta ta' l-argumenti tal-petizzjonanti, intiżi biex juru li dik il-liġi tfisser xort'oħra, u l-unanimità tal-fehma ta' l-erbgħa ġudikanti, flimkien mal-konsiderazzjoni fuq imsemmija fis-sens li l-kwistjoni ma hija ta' ebda utilità prattika għall-finijiet tal-veru meritu tal-kawża, u hi, kif ingħad, in sostanza, kwistjoni ta' sempliċi isem ta' konvenut, huma ċirkustanzi li ma jinklinawx lil din il-Qorti li teżerċita d-diskrezzjoni tagħha fis-sens ta' għoti tal-permess għall-appell lill-Privy Council;

Għalhekk l-oppożizzjoni tal-kontroparti hi ġustifikata; u l-Qorti tiddeċiedi;

Billi tiċħad dak il-permess; bl-ispejjeż kontra l-petizzjonanti.

---